# PROGRAMM

TAL-FESTI AD UNUR TAL-

# MADONNA TAL-GILJU



IMQABBA — 16-19 TA' MEJJU 1963

PROG

## FESTI FIL-KNISJA

### Fil-granet 16, 17 u 18 ta' Mejju, granet tat-Tridu:

Fis-7 15 p m. Għasar, Prietka min Patri Ignazio mill-Kalkara O.F M. Cap., Antifona, Litanija u Barka Sagramentali.

*Is-Sibt, 18 ta' Mejju, il-Funzjoni tibda fil-5 00 p.m.*

Fis-17 u 18 ta' Mejju fis-6.00 a m. Quddiesa Kantata.

Fid-19 ta' Mejju: Jum tal-Festa.

Fl-4 30 a m. Quddiesa Parrokkjali bit-Tqarbin. Iqaddes il-Kappillan il-ġdid ta' l-Imqabba Dun Carm Bianco D.D.

Fis 7 00 a m. Matutin solenni.

Fit-8 30 a m Kant tat-Terza. Quddiesa Kantata bil-musika, li fiha jinseġ it-tifħir tal-Madonna il-Kanoniku Dun Giovanni Sladden. Wara l-quddiesa Kantata toħroġ il-Proċessjoni tat-Terza, u wara l-Barka Quddiesa baxxa.

Fil-5 00 p m. Għasar solenni bil-musika u wara toħroġ il-Proċessjoni bli Statwa tal-Madonna tal-Gilju. Wara l-Proċessjoni Barka Sagramentali.

Il-Funzjonijiet fil-Festa jiġu mmexxija mil-Patrijiet Kappuċċini tal-Furjana u l-musika tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast F. Diacono.

RAMM

## FESTI TA' BARRA

### Is-Sibt it-18 ta' Mejju Lejliet il Festa.

Fis 7 15 p m. Mixgħela Ġenerali. Fit-8 p.m. Il Popolari Banda "LILY" tferraħ it-toroq ewlenin tar-raħal b'set ta' marci u wara tesegwixxi Programm Musikali fil-pjazza talknisja. Fil-11 p m. ħruq ta' logħob tan-nar maħdum mid-deletanti ta' l-istess società.

### Il-Hadd 19 ta' Mejju—Jum il-Festa.

Fin.12.30 p.m. Il mgħarufa Banda 'LILY' fost entusjasmu l-iktar kbir tferraħ it-toroq principali b'set ta' marci brijusi.

Fil-5.30 p m. Il-Banda cittadina King's Own tagħmel marc minn trieq il-parrocca sal-Pjazza tal-knisja fejn wara tesegwixxi programm musikali.

Waqt il-Processjoni ikun hemm kaxxa infernali u musketterija.

## VIVA

## IL-MADONNA TAL-GILJU.